MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 2249/2000/1

**Josephine Grech**

**v.**

**Doris sive Dorielle Soler**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fil-5 ta’ Ottubru 2000, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attrici ppremettiet illi hija dahlet fi ftehim mal-konvenuta fejn din kellha tordna xi

merkanzija minn barra u mbaghad jinqasmu l-profitti; illi bis-sahha ta' dan il-ftehim l-attrici ghaddiet is-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm4,700) lill-konvenuta; illi wara li ghadda certu zmien u l-attrici baqghet ma semghet xejn minghand il-konvenuta talbet lill-istess konvenuta biex tirrifondilha s-somma fuq imsemmija; illi l-konvenuta accettat u kkonsenjatilha zewg cekkijiet, kopja ta' liema gew annessi bhala Dok B1 u B2; illi meta l-attrici marret biex issarraf dawn ic-cekkijiet irrizulta illi l-konvenuta ma kellhiex flus fil-bank; illi ghalhekk l-attrici hija kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm4,700); illi d-debitu huwa car u manifest u peress li l-konvenut [recte: konvenuta] m'ghandux [recte: m'ghandhiex] eccezzjonijiet validi x'jaghti [recte: x'taghti] in kontro-trattazzjoni (sic) ghat-talbiet attrici u ghalhekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talbet li dik il-Qorti:-

i) tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) tikkundanna lill-konvenut [recte: konvenuta] thallas lill-attur nomine [recte: attrici] s-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira Maltin (LM4,700).

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut(a) ingunt(a) in subizzjoni.

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2001, wara li l-partijiet qablu li l-kawza ghandha timxi bil-procedura normali, l-Prim Awla tal-Qorti Civili tat lill-konvenuta ghoxrin gurnata zmien biex tipprezenta nota bl-eccezzjonijiet taghha.

B'nota pprezentata fil-21 ta' Marzu 2001, il-konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghax mhux minnu li l-eccipjenti qatt dahlet f'xi ftehim mall-attrici biex tigi ordnata merkanzija minn barra u mbaghad jinqasmu l-profitti u mhux minnu li hi irceviet xi flus minghand l-attrici, tant hu hekk li lill-attrici ma tafhiex u qatt ma iltaqghet maghha.

2. Illi z-zewg cheques Dok B1 u B2, ghalkemm huma mic-cheque book tal-eccipjenti u ghandhom x'aktarx il-firma taghha, salvo verifika tal-awtenticita` taghhom, gew konsenjati lill-attrici b'qerq u ad insaputa tal-eccipjenti minn certu Biagio sive Gino Lucifora, li kien ghamel xi zmien jghix mal-eccipjenti u mhux talli qarraq biha wkoll, izda wara li halliha tqila b'tarbija, abbandunha u harab minn Malta u halliha tirrinfaccja straxxiku ta' inkwiet u kredituri tieghu.

3. Illi f'kull kaz peress li l-eccipjenti hija ta' sess femminili, ma tistax tissejjah "il-konvenut" kif sar fit-talbiet tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni, sakemm ma kienx verament mahsub li l-kawza tigi intentata kontra dan Lucifora.

4. Illi ghalhekk l-eccipjenti mhux il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Is-sentenza appellata**

B'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi previa c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, ikkundannat lill-istess konvenuta thallas lill-attrici erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700) flimkien ma' l-ispejjez u l-imghax mitlub fic-citazzjoni u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

"Il-konvenuta kellha relazzjoni personali ma' wiehed taljan, certu Biagio Lucifora, u kellha wkoll tarbija minnu. Dan Lucifora qalilha li xtaq jaghmel negozju hawn Malta, u lill-attrici ikkonvincieha biex thallih jinqeda b'isimha. In-negozju fil-fatt twaqqaf f'isem il-konvenuta ghalkemm *de facto* kien imexxih Lucifora. Il-konvenuta kienet tafdah biex imexxi hu u kienet ukoll iffirmatlu *cheques* bjanki u halliethom f'idejh.

"Lucifora nqeda bl-isem li l-konvenuta fdatlu biex hajjar lill-attrici tavvanzalu xi flus. Jidher izda li Lucifora qarraq

b'kullhadd; il-flus ta' l-attrici ghebu, ghebu wkoll dawk tal-konvenuta u fl-ahhar gheb ukoll Lucifora.

"Hemm konflitt bejn il-partijiet dwar jekk l-attrici u l-konvenuta tkellmux ma' xulxin qabel ma sar in-negozju. L-attrici bdiet biex qalet, fl-*affidavit* taghha, li hi u l-konvenuta ltaqghu wicc imb'wicc, u wara qalet li tkellmu biss fuq it-*telephone* qabel ma sar in-negozju. Il-konvenuta tichad illi qatt iltaqghet ma' l-attrici jew illi kellmitha fuq it-*telephone* qabel ma sar in-negozju.

"Fil-fehma tal-Qorti, izda, jekk il-partijiet iltaqghux jew tkellmux qabel ma sar in-negozju ma hux fattur determinanti. Li hu relevanti, fil-fehma tal-qorti, huwa li l-konvenuta tat lil Lucifora s-setgha li jidher f'isimha ghax hallietu jwaqqaf in-negozju tieghu f'isimha. Quddiem terzi, dak li ghamel Lucifora ghamlu f'isimha. Tassew li Lucifora qarraq biha, izda dan jaghtiha biss rimedju kontra Lucifora stess; ladarba l-konvenuta min jeddha tat lil Lucifora s-setgha li jmexxi negozju f'isimha, quddiem terzi dak li ghamel Lucifora sar f'isem il-konvenuta.

"Il-Qorti ghandha simpatija kbira mal-konvenuta fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom, li halliet lil dan Lucifora jirrovinalha hajjitha. Ma tistax izda l-konvenuta tistenna li terzi jhallsu ghall-izball taghha meta ghazlet li tafda lil Lucifora.

"Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, tassew illi n-negozju sar bejn il-partijiet – l-attrici min-naha l-wahda u l-konvenuta, li deher ghaliha Lucifora b'setgha moghtija mill-konvenuta stess, min-naha l-ohra – u l-konvenuta ghalhekk hija l-kontradittrici legittima ghal din l-azzjoni.

"Illi l-konvenuta ressqet ukoll eccezzjoni illi bic-citazzjoni l-attrici harrket "konvenut" mhux "konvenuta". Fil-fehma tal-qorti, izda, dan l-izball ma jibdel xejn mis-sustanza ta' l-azzjoni ghax ma hemmx dubju dwar l-identita` tal-persuna mharrka.

"Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ma jistghux jintlaqghu."

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors intavolat fid-29 ta' Dicembru 2003, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

L-attrici appellata pprezentat risposta ghar-rikors ta' appell tal-konvenuta fejn issottomettiet li s-sentenza hija gusta u li, anke ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, timmerita li tigi konfermata u l-appell tal-konvenuta respint.

**L-aggravji tal-konvenuta appellanti.**

L-aggravji tal-konvenuta appellanti huma kontenuti in succint fil-hames paragrafu tar-rikors ta' l-appell taghha fejn jinghad espressament:
"5. Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li minkejja li l-premessi kontenuti fic-citazzjoni ma rrizultawx bhala fatt, kif anke jidher li gie accettat mill-Ewwel Qorti, u peress li ma rrizultat ebda relazzjoni guridika diretta jew indiretta bejn l-attrici u l-esponenti, l-ewwel Qorti xorta wahda irrespingiet l-eccezzjonijiet kollha taghha w ikkundannata biex thallas l-ammont mitlub anki minkejja li fit-talbiet kontenuti fic-citazzjoni hija giet indikata bhala "**l-konvenut**" meta hija fil-fatt hija mara, minghajr biss ma nhasset [il-htiega] li tintalab id-debita korrezzjoni ghax ghall-ewwel Qorti lanqas ma kien importanti u minkejja ukoll li t-tieni talba kienet biex hi tigi kundannata thallas lill-**"ATTUR NOMINE"** meta f'din il-kawza ma hawn ebda attur nomine imma attrici proprio."

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravji mressqa mill-konvenuta appellanti jirriflettu dak li jinghad fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u liema eccezzjonijiet gew michuda mill-Qorti ta' prim istanza. Fil-

verita` fl-ewwel aggravju, li jikkoncerna l-mertu proprju ta' din il-kawza, l-appellanti qed tistieden lil din il-Qorti terga tezamina l-fatti tal-kaz billi, skond l-istess appellanti, l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti kif riportati, ma kienx jirrifletti dak li verament gara bejn il-kontendenti. Apparti dan din il-Qort qed tigi mistiedna tezamina l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwar l-aspett guridiku tal-kaz.

Din il-Qorti ma thossx li ghandha terga' tirrepeti l-fatti tal-kaz li jidher li gew migbura b'mod tajjeb u konciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u li jinsabu riportati hawn fuq. U wara li ezaminat l-provi hija konvinta li l-ewwel Qorti, fir-riassunt taghha ta' l-istess fatti, ghamlet apprezzament tajjeb ta' dak li kien hemm bejn il-konvenuta u Biagio Lucifora u ghaldaqstant ma tara ebda raguni li tiddisturba l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fir-rigward.

Din il-Qorti thoss li dak li issottomettiet l-attrici fir-risposta taghha fir-rigward huwa u ghandu mis-sewwa u ghalhekk taghmlu taghha. Infatti dwar l-ewwel aggravju gie sottomess is-segwenti:
*"Ghandu jinghad qabel xejn illi jidher illi l-appellanti ma fehemitx sew is-sentenza li minnha qed tappella. Hija tibda l-ewwel aggravju taghha billi tghid illi jidher li l-ewwel Qorti accettat il-fatt illi l-premessi fic-citazzjoni ma rrizultawx. Bir-rispett kollu ghandu jinghad illi l-ewwel Qorti kienet ferm cara fis-sentenza taghha meta laqghat it-talbiet attrici u laqghathom precizament kif dedotti fic-citazzjoni. <u>Il-hsieb fis-sentenza kien wiehed semplici: una volta illi l-konvenuta tat lil Lucifora awtorizzazzjoni biex imexxi n-negozju f'isimha allura kwalunkwe obbligazzjoni li dahal fiha hu rabat biha awtomatikament lill-konvenuta</u>* [sottolinear ta' din il-Qorti] *u jekk il-konvenuta kienet ingannata minnu hija ma tistax tehles mill-izball taghha meta afdatu billi tinhall minn dik l-obbligazzjoni a skapitu ta' terzi in buona fede.*"

Dan il-paragrafu mehud mir-risposta ta' l-attrici ghar-rikors ta' l-appell tal-konvenut jigbor fih, in sintezi, r-raguni 'l ghala l-ewwel Qorti waslet biex cahdet l-ewwel eccezzjoni

tal-konvenuta u tat-is-sentenza fuq imsemmija. Infatti jirrizulta car mill-atti tal-kawza li l-konvenuta kellha fiducja ceka fil-habib taghha Lucifora u mhux talli ppermettielu jinnegozja f'isimha, talli afdat f'idejh kompletament, u, ghandu jinghad b'mod puerili, l-amministrazzjoni ta' l-istess negozju billi ukoll kienet tipprovdieh b'*cheques* "in bjank" biex dan jkun jista' jaghmel l-pagamenti mehtiega u dana minghajr qatt ma staqsietu x'kienet il-htiega ta' dawn il-flejjes billi afdat kompletament fih. Isewgi ghalhekk li r-relazzjoni ta' bejn il-konvenuta u l-istess Lucifora kienet dik ta' mandant u mandatarju u konsegwentement kull ma ghamel Lucifora fl-ambitu tan-negozju ta' importazzjoni taht isem il-konvenuta, kien, fil-konfront tat-terzi, qed isir ghan-nom ta' l-istess konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni li dahal fihom l-mandatarju taghha, salv kull dritt spettanti lilha kontra l-istess mandatarju.

Illi kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, f'dan il-kuntest huwa irrilevanti jekk l-attrici qattx iltaqghet mal-konvenuta, billi l-istess Lucifora kien qed jagixxi f'isem l-istess konvenuta.

L-ewwel aggravju tal-appellanti ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tieni u t-tielet aggravju sollevati mill-konvenuta appellanti fejn jinghad li hemm zball fic-citazzjoni billi l-konvenuta gie indikata bhala "konvenut" u fejn l-konvenuta giet mitluba thallas lill-"attur nomine" din il-Qorti ma tirraviza ebda nullita` billi, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-identita` tal-persuna mharrka mhux qieghed fid-dubju u l-ewwel Qorti pprovdiet fis-sentenza dwar lil min kellu jsir il-pagament rikjest. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat, anzi huwa wiehed fieragh.  L-appell kollu jirrazenta l-fieragh.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------